ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 51

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

26 ta' Frar 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 168/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 169/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jeskludi s-subdiviżjonijiet 27 u 28 ta' l-ICES minn ċerti limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd u minn xi obbligi tar-reġistrazzjoni għall-2008, b'segwitu għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet** ........................ 3

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/157/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija għall-Adeżjoni mar-Repubblika tat-Turkija u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/35/KE** ........................ 4

2008/158/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2008 li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2002/148/KE li jikkonkludi l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE** ........................ 19

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Kummissjoni**

2008/159/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2008 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/683/KE li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni ta' l-Ungerija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 675)* ........ 21

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/160/PESK tal-25 ta' Frar 2008 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika ta' Moldova** ........ 23

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 124, 11.5.2006)** (Ħarġa Speċjali bil-Malti L 294 M, 25.10.2006, p. 40) ........ 26

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 838/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tarriffa Doganali Komuni (ĠU L 154, 8.6.2006)** (Ħarġa Speċjali bil-Malti L 294 M, 25.10.2006, p. 186) ........ 26

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 168/2008

**tal-25 ta' Frar 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 72,2 |
| | MA | 49,3 |
| | TN | 125,1 |
| | TR | 91,2 |
| | ZZ | 84,5 |
| 0707 00 05 | JO | 190,5 |
| | MA | 64,7 |
| | TR | 174,4 |
| | ZZ | 143,2 |
| 0709 90 70 | MA | 68,8 |
| | TR | 141,5 |
| | ZZ | 105,2 |
| 0709 90 80 | EG | 396,9 |
| | ZZ | 396,9 |
| 0805 10 20 | AR | 69,8 |
| | EG | 47,9 |
| | IL | 58,1 |
| | MA | 53,7 |
| | TN | 49,6 |
| | TR | 93,7 |
| | ZA | 57,8 |
| | ZZ | 61,5 |
| 0805 20 10 | IL | 113,6 |
| | MA | 107,1 |
| | ZZ | 110,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 82,4 |
| | IL | 80,7 |
| | MA | 130,6 |
| | PK | 43,5 |
| | TR | 78,0 |
| | ZZ | 83,0 |
| 0805 50 10 | AR | 48,9 |
| | EG | 85,4 |
| | IL | 112,0 |
| | MA | 114,0 |
| | TR | 117,3 |
| | UY | 52,4 |
| | ZA | 79,7 |
| | ZZ | 87,1 |
| 0808 10 80 | CL | 63,5 |
| | CN | 83,3 |
| | MK | 42,4 |
| | US | 108,3 |
| | UY | 77,0 |
| | ZA | 106,7 |
| | ZZ | 80,2 |
| 0808 20 50 | AR | 95,1 |
| | CN | 73,7 |
| | US | 123,2 |
| | ZA | 104,0 |
| | ZZ | 99,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 169/2008

## tal-25 ta’ Frar 2008

## li jeskludi s-subdiviżjonijiet 27 u 28 ta’ l-ICES minn ċerti limitazzjonijiet ta’ l-isforz tas-sajd u minn xi obbligi tar-reġistrazzjoni għall-2008, b’segwitu għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97 [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rapporti mressqa mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 jistipula dispożizzjonijiet għall-istabbiliment ta’ limitazzjonijiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u dwar ir-reġistrazzjoni ta’ dejta dwar l-isforz tas-sajd.

(2) Abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007, l-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1404/2007 [2] stabbilixxa limitazzjonijiet ta’ l-isforz tas-sajd għall-2008 fil-Baħar Baltiku.

(3) Skond l-Artikolu 29(2) u l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007, il-Kummissjoni tista’ teskludi s-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 mill-ambitu ta’ ċerti limitazzjonijiet ta’ l-isforz tas-sajd u minn obbligi tar-reġistrazzjoni tas-sajd meta l-qabdiet tal-merluzz kienu taħt ċertu livell fl-aħħar perjodu ta’ rappurtar.

(4) Fid-dawl tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri u tal-parir ta’ l-STECF, is-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 għandhom ikunu esklużi, fl-2008, mill-ambitu ta’ dawk il-limitazzjonijiet ta’ l-isforz tas-sajd u minn dawk l-obbligi tar-reġistrazzjoni.

(5) Minħabba li kellu jiġi żgurat li setgħet titqies l-aħħar informazzjoni disponibbli mingħand l-Istati Membri, u biex il-parir xjentifiku jitħalla jissejjes fuq l-aktar tagħrif preċiż, ma setgħetx tintlaħaq l-iskadenza aħħarija stipulata fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 għall-konklużjoni finali rigward il-ħtieġa ta’ l-esklużjoni tas-Subdiviżjonijiet rispettivi.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1098/2007 u Nru 1404/2007 japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2008. Biex tkun żgurata il-koerenza ma’ dawk ir-Regolamenti, dan ir-Regolament għandu japplika retroattivament minn dik id-data.

(7) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi ma’ l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 ma għandhomx japplikaw għas-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 ta’ l-ICES.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta’ Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Joe BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.
[2] ĠU L 312, 30.11.2007, p. 1.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Frar 2008**

**dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija għall-Adeżjoni mar-Repubblika tat-Turkija u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/35/KE**

(2008/157/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 390/2001 tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-assistenza lit-Turkija fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, u b'mod partikolari fuq l-istabbiliment ta' Sħubija għal Adeżjoni [1] b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 390/2001 jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kwalifikata u fuq proposta mill-Kummissjoni, dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-objettivi intermedjarji u l-kondizzjonijiet li hemm fis-Sħubija għall-Adeżjoni, kif ser tiġi sottomessa lit-Turkija, kif ukoll dwar aġġustamenti sinifikanti susseġwenti applikabbli għaliha.

(2) Abbażi ta' dak il-Kunsill fl-2001 u l-2003 [2] adotta Sħubija għall-Adeżjoni mat-Turkija.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2004 dwar it-Turkija saħqet li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli l-monitoraġġ tal-proċess ta' riforma politika u li fl-2005 għandha tiġi proposta Sħubija għall-Adeżjoni riveduta. Wara dan, il-Kunsill adotta sħubija riveduta f'Jannar 2006 [3].

(4) F'Diċembru 2004, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-Unjoni Ewropea ser tkompli timmonitorja mill-qrib il-progress tar-riformi politiċi abbażi ta' Sħubija għall-Adeżjoni li tistabbilixxi l-prijoritajiet għall-proċess ta' riforma.

(5) Fit-3 ta' Ottubru 2005, l-Istati Membri bdew negozjati mat-Turkija dwar l-adeżjoni tagħha ma' l-Unjoni Ewropea. L-avvanz tan-negozjati ser ikun iggwidat mill-progress tat-Turkija fi tħejjija għall-adeżjoni, li ser jitkejjel, inter alia, skond l-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Adeżjoni, kif rivedut regolarment.

(6) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija għat-tkabbir u l-isfidi ewlenin 2006-2007 indika li s-sħubijiet għandhom jiġu aġġornati fi tmiem l-2007.

(7) Fil-11 ta' Diċembru 2006 l-Kunsill qabel li l-Istati Membri fi ħdan il-Konferenza Intergovernattiva mhux ser jiddeċiedu dwar il-ftuħ ta' tmien kapitoli li jkopru oqsma ta' politika rilevanti għar-restrizzjonijiet tat-Turkija fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, u lanqas ser jiddeċiedu dwar l-għeluq proviżorju ta' kapitoli, sakemm il-Kummissjoni tivverifika li t-Turkija tkun wettqet l-impenji tagħha relatati mal-Protokoll Addizzjonali.

[1] ĠU L 58, 28.2.2001, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni 2001/235/KE (ĠU L 85, 24.3.2001, p. 13) u d-Deċiżjoni 2003/398/KE (ĠU L 145, 12.6.2003, p. 40).
[3] Id-Deċiżjoni 2006/35/KE (ĠU L 22, 26.1.2006, p. 34)

(8) Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (1), li jistabbilixxi qafas ġdid għall-assistenza finanzjarja għall-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni.

(9) Għalhekk huwa xieraq li tiġi adottata Sħubija għall-Adeżjoni riveduta li taġġorna s-Sħubija attwali sabiex tidentifika prijoritajiet imġedda għal aktar ħidma abbażi tas-sejbiet tar-Rapport ta' Progress ta' l-2007 dwar it-tħejjijiet tat-Turkija għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea.

(10) Sabiex tħejji għas-sħubija, it-Turkija għandha tiżviluppa pjan bi skeda ta' żmien u miżuri speċifiċi biex tindirizza l-prijoritajiet ta' din is-Sħubija għall-Adeżjoni.

(11) Id-Deċiżjoni 2006/35/KE għandha titħassar,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

B'konformità ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 390/2001, il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-objettivi intermedji u l-kondizzjonijiet fis-Sħubija għall-Adeżjoni għat-Turkija huma stabbiliti fl-Anness tiegħu.

*Artikolu 2*

L-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Adeżjoni għandha tiġi eżaminata u sorveljata fil-korpi stabbiliti taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u mill-Kunsill abbażi ta' rapporti annwali preżentati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 2006/35/KE għandha titħassar.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

(1) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

*ANNESS*

## IS-SĦUBIJA GĦALL-ADEŻJONI TAT-TURKIJA TA' L-2007

### 1. INTRODUZZJONI

Fil-laqgħa tiegħu fil-Lussemburgu f'Diċembru 1997, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li s-Sħubija għall-Adeżjoni għandha tkun il-fattur ewlieni ta' l-istrateġija mtejba ta' qabel l-adeżjoni, billi tmexxi t-tipi kollha ta' assistenza lill-pajjiżi kandidati f'qafas uniku. B'dan il-mod, il-Komunità timmira l-assistenza tagħha lejn il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull kandidat sabiex tipprovdi appoġġ biex jintgħelbu problemi partikolari bil-ħsieb ta' l-adeżjoni.

L-ewwel Sħubija għall-Adeżjoni għat-Turkija kienet adottata mill-Kunsill f'Marzu 2001. Fid-Dokument Strateġiku tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2002 dwar it-tkabbir, kien hemm imniżżel li l-Kummissjoni ser tipproponi Sħubija għall-Adeżjoni riveduta għat-Turkija. Imbagħad, Sħubija għall-Adeżjoni riveduta kienet ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni f'Marzu 2003 u adottata f'Mejju ta' l-istess sena mill-Kunsill. Fir-rakkomandazzjoni tagħha ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni pproponiet li, bil-ħsieb li tiggarantixxi s-sostenibbiltà u l-irriversibbiltà tal-proċess ta' riforma politika, l-UE għandha tkompli timmonitorja mill-qrib il-progress tar-riformi politiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni pproponiet l-adozzjoni ta' Sħubija għall-Adeżjoni riveduta fl-2005 li ġiet adottata mill-Kunsill f'Jannar 2006. Jekk ikun hemm il-progress mistenni fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien tas-Sħubijiet, hija l-prattika li dawn jiġu aġġornati kull sentejn. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li s-Sħubija għall-Adeżjoni tiġi mġedda.

It-Turkija għandha tiżviluppa pjan li jinkludi skeda ta' żmien u miżuri speċifiċi intiżi li jindirizzaw il-prijoritajiet tas-Sħubija għall-Adeżjoni.

Is-Sħubija għall-Adeżjoni riveduta tipprovdi l-bażi għal numru ta' strumenti finanzjarji/ta' politika li ser jiġu użati biex jgħinu lit-Turkija fit-tħejjijiet għas-sħubija. B'mod partikolari, is-Sħubija għall-Adeżjoni riveduta ser isservi bħala bażi għal riformi politiċi futuri u bħala kejl li fuqu jitqies il-progress futur.

### 2. PRINĊIPJI

Il-prijoritajiet prinċipali identifikati għat-Turkija huma marbuta mal-kapaċità tagħha li tissodisfa l-kriterji definiti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen ta' l-1993 u r-rekwiżiti tal-qafas ta' negozjati adottat mill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2005.

### 3. PRIJORITAJIET

Il-prijoritajiet elenkati f'din is-Sħubija għall-Adeżjoni ġew magħżulin fuq il-bażi li jkun realistiku li wieħed jistenna li l-pajjiż jista' jwettaqhom jew imexxihom sostanzjalment 'il quddiem fil-ftit snin li ġejjin. Qed issir distinzjoni bejn prijoritajiet għal żmien qasir, li huma mistennija li jinkisbu fi żmien sena jew sentejn, u prijoritajiet għal żmien medju, li huma mistennija li jinkisbu fi żmien tlieta jew erba' snin. Il-prijoritajiet jikkonċernaw kemm il-leġislazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha.

Is-Sħubija għall-Adeżjoni riveduta tindika l-oqsma prijoritarji għat-tħejjijiet tas-sħubija tat-Turkija. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, it-Turkija ser ikollha tindirizza l-kwistjonijiet kollha identifikati fir-rapporti ta' progress, inkluż il-konsolidazzjoni tal-proċess ta' riforma politika sabiex tiggarantixxi l-irriversibbiltà tiegħu u tiżgura l-implimentazzjoni uniformi tiegħu fil-pajjiż kollu u fil-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni. Huwa wkoll importanti li t-Turkija tissodisfa l-impenji ta' l-approssimazzjoni leġislattiva u ta' l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* skond l-impenji li hija ħadet taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni Doganali u deċiżjonijiet relatati tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija, per eżempju dwar ir-reġim ta' kummerċ għal prodotti agrikoli.

#### 3.1. PRIJORITAJIET GĦAL PERIJODU TA' ŻMIEN QASIR

**Djalogu politiku**

***Demokrazija u l-istat tad-dritt***

*Amministrazzjoni Pubblika*

— Tiġi segwita riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika u tal-politika dwar il-persunal sabiex tiġi żgurata aktar effiċjenza, responsabbiltà u trasparenza.

— Jiġu msaħħa l-amministrazzjonijiet lokali permezz tar-riforma ta' l-amministrazzjoni ċentrali, it-trasferiment ta' setgħat lill-amministrazzjonijiet lokali u l-forniment lilhom ta' riżorsi adegwati.

— Tiġi implimentata leġislazzjoni bl-għan li tiġi stabbilita sistema ta' Ombudsman operattiva għal kollox.

— Tiġi adottata u implimentata leġislazzjoni dwar il-Qorti ta' l-Awdituri.

*Superviżjoni ċivili tal-forzi ta' sigurtà*

— Jissaħħu l-isforzi biex jiġi allinjat il-kontroll ċivili tal-militar f'konformità mal-prattika fl-Istati Membri ta' l-UE. Jiġi żgurat li l-militar ma jintervjenix fi kwistjonijiet politiċi u li l-awtoritajiet ċivili jeżerċitaw bis-sħiħ il-funzjonijiet superviżorji dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluż fir-rigward tal-formulazzjoni ta' strateġija ta' sigurtà nazzjonali u l-implimentazzjoni tagħha.

— Jittieħdu passi biex ikun hemm aktar responsabbiltà u trasparenza fit-twettiq ta' kwistjonijiet ta' sigurtà.

— Jiġi stabbilit kontroll parlamentari sħiħ tal-politika militari u ta' difiża u kull nefqa relatata, inkluż permezz ta' verifika esterna.

— Tiġi limitata l-ġurisdizzjoni tal-qrati militari għad-doveri militari tal-persunal militari biss.

*Sistema Ġudizzjarja*

— Jiġu msaħħa l-isforzi, anki permezz tat-taħriġ, biex jiġi żgurat li l-interpretazzjoni mill-ġudikatura ta' leġislazzjoni relatata mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tkun konformi mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ("ECHR"), mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ma' l-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni Torka.

— Tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura minn istituzzjonijiet oħra ta' l-Istat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Kunsill Għoli ta' l-Imħallfin u l-Prosekuturi u s-sistema ta' l-ispezzjoni. B'mod aktar speċifiku, jiġi żgurat li l-Kunsill Għoli ta' l-Imħallfin u l-Prosekuturi jirrappreżenta l-ġudikatura kollha kemm hi.

— Tissaħħaħ l-effiċjenza tal-ġudikatura permezz ta', b'mod partikolari, it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ġdid.

— Jitkompla l-istabbiliment ta' qrati ta' appell reġjonali intermedjarji.

*Politika kontra l-korruzzjoni*

— Tiġi żviluppata strateġija kontra l-korruzzjoni komprensiva, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli, u korp ċentrali biex jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħha, inkluż permezz ta' l-istabbiliment ta' data statistika. Tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kollha involuti.

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Prinċipji ta' Mġiba Etika għall-Ħaddiema taċ-Ċivil u jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet tiegħu biex jinkludu uffiċjali eletti, il-ġudikatura, persuni akkademiċi u persunal militari.

— Jiġu limitati l-immunitajiet mogħtija lill-politiċi u lill-uffiċjali pubbliċi f'konformità ma' l-aħjar prattiċi Ewropej u tiġi mtejba l-leġislazzjoni dwar it-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali.

***Id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi***

*Tħaris tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem*

— Jiġi ratifikat il-Protokoll fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura li jipprevedi għall-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ indipendenti tal-faċilitajiet ta' detenzjoni.

*Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

— Ikun hemm konformità mal-ECHR u tiġi żgurata l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

— Jiġi emendat il-Kodiċi ta' proċedura kriminali sabiex jiġi infurzat id-dritt għal proċess mill-ġdid f'konformità mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

*Promozzjoni u infurzar tad-drittijiet tal-bniedem*

— Tiġi stabbilita istituzzjoni indipendenti nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem b'riżorsi adegwati skond il-prinċipji rilevanti tan-NU. Jiġu mmonitorjati każijiet ta' drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' data statistika.

— Jitkompla t-taħriġ ta' l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem u tekniċi investigattivi.

*Drittijiet ċivili u politiċi*

Prevenzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati fil-kuntest tal-politika "tolleranza żero" kontra t-tortura u t-trattament ħażin f'konformità mal-ECHR u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura.

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Istanbul fil-pajjiż kollu, b'mod partikolari billi jiżdiedu l-kompetenzi mediki.

— Tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-impunità. Jiġi żgurat li l-prosekuturi jmexxu investigazzjonijiet f'waqthom u effettivi tal-każijiet allegati, li jwasslu għall-identifikazzjoni u l-piena ta' l-awturi mill-qrati.

Aċċess għall-ġustizzja

— Jiġu msaħħa l-isforzi biex jiġu żgurati għajnuna legali adegwata u servizzi ta' interpretazzjoni kwalifikati.

Libertà ta' l-espressjoni

— Bil-għan li jiġi żgurat rispetti sħiħ tal-libertà ta' espressjoni, tiġi riveduta u implimentata l-leġislazzjoni dwar il-libertà ta' espressjoni, inkluża l-libertà ta' l-istampa, f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

— Tirrimedja is-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li għaddew minn prosekuzzjoni jew ingħataw sentenza għal espressjoni mhux vjolenti ta' l-opinjoni.

Libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni

— Titkompla l-implimentazzjoni tar-riformi kollha rigward il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-assemblea paċifika skond il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-ġurisprudenza relatata tagħha. Jiġu implimentati miżuri biex jiġi prevenut l-użu eċċessiv tal-forza mill-forzi ta' sigurtà.

— Ikun hemm allinjament ma' l-aħjar prattiċi fl-Istati Membri ta' l-UE rigward il-leġislazzjoni dwar il-partiti politiċi.

Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

— Jiġi msaħħaħ aktar l-iżvilupp domestiku tas-soċjetà ċivili u l-involviment tagħha fit-tfassil ta' linji ta' politika pubblika.

— Tiġi ffaċilitata u nkoraġġuta l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fil-miftuħ bejn is-setturi kollha tas-soċjetà ċivili tat-Turkija u s-sħab Ewropej.

Libertà ta' reliġjon

— Jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi stabbilità atmosfera ta' tolleranza li twassal għar-rispett sħiħ tal-libertà ta' reliġjon fil-prattika.

F'konformità tal-KEDB u l-ġurisprudenza tal-QEDB:

— Tiġi riveduta u implimentata l-leġislazzjoni dwar il-fondazzjonijiet.

— Tiġi interpretata u applikata l-leġislazzjoni attwali sakemm tiġi adottata u implimentata l-liġi l-ġdida dwar il-fondazzjonijiet.

— Jiġi żgurat li l-komunitajiet reliġjużi li mhumiex Musulmani jkunu jistgħu jiksbu personalità ġuridika u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

— Tiġi żgurata l-possibbiltà ta' edukazzjoni reliġjuża għal minoranzi mhux Musulmani, inkluż it-taħriġ tal-kleru tagħhom.

— Jiġi żgurat it-trattament ugwali ta' ċittadini Torok u barranin rigward il-possibbiltà tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tal-libertà ta' reliġjon permezz tal-parteċipazzjoni fil-ħajja ta' komunitajiet reliġjużi organizzati.

— Tiġi adottata leġislazzjoni biex tipprevjeni prosekuzzjonijiet u kundanni ripetuti ta' dawk li jirrifjutaw li jwettqu servizz militari għal raġunijiet ta' kuxjenza jew reliġjon.

*Drittijiet ekonomiċi u soċjali*

Drittijiet tan-nisa

— Jiġu segwiti miżuri biex tiġi implimentata l-leġislazzjoni attwali rigward id-drittijiet tan-nisa u kontra t-tipi kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inklużi r-reati mwettqin f'isem l-unur. Jiġi żgurat taħriġ speċjalizzat għal imħallfin u prosekuturi, aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, muniċipalitajiet u istituzzjonijiet responsabbli oħrajn u jiġu msaħħa l-isforzi biex jiġu stabbiliti postijiet ta' protezzjoni għal nisa li jkunu f'riskju ta' vjolenza fl-akbar muniċipalitajiet kollha, f'konformità mal-leġislazzjoni attwali.

— Jiżdied aktar l-għarfien tal-pubbliku ġenerali, u b'mod partikolari ta' l-irġiel, dwar kwistjonijiet ta' relazzjonijiet bejn is-sessi, u jiġi promoss ir-rwol tan-nisa fis-soċjetà, inkluż billi jiġi żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja politika u soċjali; jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tan-nisa biex iwettqu dawn l-għanijiet.

Drittijiet tat-tfal

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u tiġi promossa l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'konformità ma' l-istandards ta' l-UE u dawk internazzjonali.

— Jitkomplew l-isforzi biex tiġi ttrattata l-problema tax-xogħol mit-tfal u l-faqar fost it-tfal u titjieb is-sitwazzjoni tat-tfal tat-triq.

Drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions

— Jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet sħaħ tat-trade unions f'konformità ma' l-istandards ta' l-UE u l-Konvenzjonijiet ILO rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt ta' organizzazzjoni, id-dritt ta' strajk u d-dritt ta' negozjar kollettiv.

— Jiġi msaħħaħ aktar id-djalogu soċjali, tiġi ffaċilitata u inkoraġġuta l-kooperazzjoni mas-sħab ta' l-UE.

Linji politiċi kontra d-diskriminazzjoni

— Tiġi ggarantita, fil-liġi u fil-prattika, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali mill-individwi kollha, mingħajr diskriminazzjoni u irrispettivament mil-lingwa, l-opinjoni politika, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

— Jiġu msaħħa l-isforzi biex jiġu riveduti l-curricula u l-kotba ta' l-iskola sabiex il-lingwaġġ diskriminatorju jiġi eliminat.

*Drittijiet tal-minoranzi, drittijiet kulturali u l-protezzjoni tal-minoranzi*

— Tiġi żgurata d-diversità kulturali u jiġi promoss ir-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi skond il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali u f'konformità ma' l-aħjar prattika fl-Istati Membri.

— Tiġi garantita l-protezzjoni legali tal-minoranzi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tgawdija paċifika tad-drittijiet ta' proprjetà, f'konformità mal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Drittijiet kulturali

— Jiġi mtejjeb l-aċċess effettiv għal xandir tar-radju u t-televiżjoni f'lingwi oħrajn barra t-Tork, b'mod partikolari billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet li għad fadal.

— Jiġu adottati miżuri adatti għall-appoġġ tat-tagħlim ta' lingwi oħrajn barra t-Tork.

Sitwazzjoni fil-Lvant u fix-Xlokk

— Jiġi żviluppat approċċ komprensiv biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali u, b'mod partikolari, biex tittejjeb is-sitwazzjoni fix-Xlokk tat-Turkija, bil-għan li jittejbu l-opportunitajiet ekonomiċi, soċjali u kulturali għaċ-ċittadini Torok kollha, inklużi dawk ta' oriġini Kurda.

— Tiġi abolita s-sistema ta' gwardja tal-villaġġi fix-Xlokk.

— Jitneħħew il-mini ta' l-art miż-żona.

Persuni spostati internament

— Jiġu segwiti miżuri biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' persuni spostati internament għall-komunitajiet oriġinali tagħhom f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Persuni Spostati.

— Titkompla l-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-kumpens ta' telf minħabba t-terroriżmu u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Jiġi żgurat kumpens ġust u pront tal-vittmi.

***Kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali***

*Ċipru*

— Jiġu appoġġati attivament sforzi biex jiġi implimentat il-proċess tat-8 ta' Lulju miftiehem li jwassal għal soluzzjoni komprensiva u vijabli tal-problema ta' Ċipru fi ħdan il-qafas tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE, inklużi passi konkreti li jikkontribwixxu għal klima favorevoli għal tali soluzzjoni komprensiva.

— Jiġi implimentat bis-sħiħ il-Protokoll li jadatta l-Ftehim ta' Ankara għall-adeżjoni ta' l-Istati l-Membri ġodda, inkluża t-tneħħija tar-restrizzjonijiet eżistenti kollha fuq bastimenti bil-bandiera ta' Ċipru u bastimenti involuti fil-kummerċ ta' Ċipru [1].

— Jittieħdu passi konkreti għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali bejn it-Turkija u l-Istati Membri ta' l-UE kollha, inkluża r-Repubblika ta' Ċipru, malajr kemm jista' jkun [1].

*Soluzzjoni paċifika għal tilwim transkonfini*

— Jiġu segwiti aktar sforzi biex jiġi solvut kwalunkwe tilwim dwar il-konfini f'konformità mal-prinċipju ta' soluzzjoni paċifika ta' tilwim skond il-Karta tan-NU inkluż, jekk meħtieġ, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

— Jittieħed impenn, b'mod inekwivoku, għal relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien; jiġu indirizzati kwalunkwe sorsi ta' tweġħir bejn il-ġirien; u ma ssir l-ebda theddida jew azzjoni li jista' jkollha effett negattiv fuq il-proċess ta' soluzzjoni paċifika ta' tilwim dwar il-konfini.

*Obbligi taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni*

— Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' l-impenji meħuda taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluża l-Unjoni Doganali.

***Kriterji ekonomiċi***

— Titkompla l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika fiskali u monetarji adatti bl-għan li jittieħdu miżuri adegwati sabiex tinżamm l-istabbiltà u l-prevedibbiltà makroekonomika. Tiġi implimentata sistema ta' sigurtà soċjali sostenibbli u effettiva.

— Tiġi msaħħa aktar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fost l-istituzzjonijiet u l-oqsma ta' politika differenti sabiex ikun hemm qafas ta' politika ekonomika konsistenti u sostenibbli għall-ekonomija.

— Titkompla l-privatizzazzjoni ta' l-impriżi ta' l-Istat.

— Jitkomplew il-liberalizzazzjoni tas-suq u r-riformi fil-prezzijiet, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-enerġija u l-agrikoltura.

— Jiġu indirizzati l-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol. Għal dan l-għan, jiġu mtejba l-istrutturi ta' l-inċentivi u l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol biex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni u ta' l-impjieg; jiġu mtejba l-isforzi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali, biex b'hekk tiġi inkoraġġuta l-bidla minn ekonomija bbażata fuq l-agrikoltura għal ekonomija bbażata fuq is-servizzi.

— Titjieb il-klima tan-negozju. Għal dan l-għan, jittejjeb l-operat tal-ġudikatura kummerċjali u titħares l-indipendenza ta' l-awtoritajiet li jirregolaw is-suq; jitjiebu l-proċeduri ta' falliment biex jiġu indirizzati l-ostakoli għall-ħruġ mis-suq.

— Jiġu identifikati u implimentati mezzi li jindirizzaw l-ekonomija informali.

***Kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija***

*Kapitolu 1: Moviment liberu tal-merkanzija*

— Jiġu aboliti l-permessi għall-importazzjoni jew ir-rekwiżiti għal-liċenzja, kif ukoll rekwiżiti sproporzjonati għal ċertifikati fir-rigward ta' prodotti minbarra vetturi bil-mutur użati.

— Jiġi sottomess lill-Kummissjoni pjan għat-tneħħija ta' permessi għall-importazzjoni ta' vetturi bil-mutur użati.

— Titlesta l-identifikazzjoni tal-miżuri li jmorru kontra l-Artikoli 28 sa 30 tat-Trattat KE, jitfassal pjan għat-tneħħija tagħhom u tiddaħħal il-klawżola ta' rikonoxximent reċiproku fis-sistema legali Torka.

— Tiġi indirizzata l-kwistjoni li għad fadal dwar il-protezzjoni tad-data regolatorja għal prodotti farmaċewtiċi.

[1] Ara wkoll id-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005.

*Kapitolu 3: Dritt ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi*

— Tiġi ppreżentata strateġija dettaljata li għandha tinkludi skeda ta' żmien tal-passi kollha neċessarji f'termini ta' allinjament leġislattiv u kapaċità istituzzjonali sabiex tikkonforma ma' l-*acquis* kopert minn dan il-kapitolu.

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, b'mod partikolari billi tiġi prevista proċedura għar-rikonoxximent professjonali li hija distinta mir-rikonoxximent akkademiku u billi jiġu adottati r-rekwiżiti minimi għat-taħriġ imniżżlin fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ([1]).

— Jinbeda l-allinjament ma' l-*acquis* dwar is-servizzi postali.

*Kapitolu 4: Moviment liberu tal-kapital*

— Titkompla t-tneħħija tar-restrizzjonijiet li jaffettwaw l-investimenti barranin diretti li joriġinaw mill-UE.

— Jinbeda l-allinjament tal-leġislazzjoni dwar is-sistemi ta' ħlas ma' l-*acquis*.

*Kapitolu 5: Proċeduri ta' l-akkwist pubbliku*

— Jingħata, lil organizzazzjoni għall-akkwist, il-kompitu li tiggarantixxi politika koerenti u li tmexxi l-implimentazzjoni tagħha.

— Tiġi ppreżentata strateġija komprensiva li għandha tinkludi r-riformi kollha neċessarji għal-allinjament leġislattiv u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali sabiex tikkonforma ma' l-*acquis*.

*Kapitolu 6: Liġi dwar il-kumpaniji*

— Jiġi adottat il-Kodiċi Kummerċjali l-ġdid.

*Kapitolu 7: Liġi dwar il-proprjetà intellettwali*

— Tittejjeb il-kapaċità tal-pulizija, id-dwana u l-ġudikatura biex jinfurzaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn dawn il-korpi.

— Jiġi indirizzat, b'mod partikolari, il-falsifikazzjoni tat-trade marks u l-piraterija.

*Kapitolu 8: Politika dwar il-kompetizzjoni*

— Tiġi adottata liġi dwar l-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rekwiżiti ta' l-*acquis* u tiġi stabbilita awtorità li timmonitorja l-għajnuna mill-Istat li tkun operattivament indipendenti u li tkun kapaċi tissodisfa l-impenji ta' trasparenza eżistenti.

— Jiġi ffinalizzat u adottat Programm Nazzjonali għar-Ristrutturar ta' l-Azzar f'konformità mar-rekwiżiti ta' l-UE.

*Kapitolu 9: Servizzi Finanzjarji*

— Jitkompla l-allinjament mar-rekwiżiti l-ġodda dwar il-kapital għal istituzzjonijiet ta' kreditu u għal impriżi ta' investiment u ma' direttivi relatati oħrajn (skema ta' garanzija ta' depożitu, stralċ u riorganizzazzjoni, konglomerati finanzjarji, kontijiet tal-bank).

— Jissaħħu l-istandards ta' prudenza u ta' superviżjoni kemm fis-settur bankarju kif ukoll fis-settur mhux bankarju. Tiġi stabbilità awtorità regolatorja u ta' superviżjoni indipendenti fis-settur ta' l-assigurazzjoni u l-pensjoni.

*Kapitolu 10: Soċjeta ta' l-informazzjoni u l-medja*

— Tiġi adottata Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ġdida li tkun allinjata mal-Qafas Regolatorju attwali ta' l-UE.

— Jitlestew l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-"kundizzjonijiet ta' tluq" ewlenin għall-qafas regolatorju ta' l-UE ta' l-2002.

— Jitkompla l-allinjament tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-politika awdjoviżiva, b'mod partikolari fir-rigward tad-Direttiva tat-Televiżjoni mingħajr Fruntieri.

*Kapitolu 11: Agrikoltura u żvilupp rurali*

— Tiġi stabbilita aġenzija IPARD (Instrument for Pre-accession Assistance Rural Development Component – Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni Komponent ta' l-Iżvilupp Rurali) li tkun akkreditata f'konformita mar-rekwiżiti ta' l-UE.

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1430/2007 (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 3).

— Jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fil-laħam taċ-ċanga, fl-annimali bovini ħajjin u fil-prodotti derivattivi tagħhom.

*Kapitolu 12: Sigurtà ta' l-ikel, politika veterinarja u fitosanitarja*

— Tiġi adottata liġi qafas dwar l-ikel, l-għalf u kwistjonijiet veterinarji li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' l-UE u li tippermetti traspożizzjoni sħiħa ta' l-*acquis* ta' l-UE.

— Tiġi żgurata l-operazzjonalità tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bovini u r-reġistrazzjoni tal-movimenti tagħhom f'konformità ma' l-*acquis* ta' l-UE u tinbeda l-implimentazzjoni ta' sistema xierqa għan-nagħaġ u l-mogħoż biex jiġu segwiti l-movimenti tagħhom.

— Jittieħdu l-miżuri neċessarji biex ir-reġjun ta' Thrace ikun jista' jiġi rikonoxxut mill-Organizzazzjoni Dinjija dwar is-Saħħa ta' l-Annimali bħala żona ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer bit-tilqim.

— Jiġu kklassifikati l-istabbilimenti agro-alimentari kollha skond il-kategorija abbażi ta' l-*acquis* ta' l-UE u jitħejja Programm Nazzjonali għall-immodernizzar ta' dawk l-istabbilimenti.

*Kapitolu 13: Sajd*

— Jissaħħu l-istrutturi amministrattivi b'mod partikolari bil-ħolqien ta' unità ċentrali li tieħu ħsieb il-kwistjonijiet kollha tas-sajd. Jeħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tas-servizzi ta' spezzjoni u kontroll tas-sajd.

— Tiġi adottata l-Liġi riveduta dwar is-Sajd skond ir-rekwiżiti ta' l-UE, inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi u tal-flotta, kif ukoll l-ispezzjoni u l-kontroll.

*Kapitolu 14: Politika dwar it-trasport*

— Tiġi adottata Liġi Qafas dwar il-Ferroviji sabiex is-suq tat-trasport ferrovjarju Tork jinfetaħ gradwalment u sabiex jiġi pprovdut għas-separazzjoni tal-funzjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' l-infrastruttura u l-provvista tas-servizzi.

— Jitkomplew l-allinjament ma' u l-implimentazzjoni fis-settur marittimu b'attenzjoni speċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-prevenzjoni tat-tniġġis. Tissaħħaħ aktar l-amministrazzjoni marittima, inklużi t-titjib fir-reputazzjoni tas-sikurezza tal-flotta Torka u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* dwar is-sigurtà marittima.

— Fil-qasam ta' l-avjazzjoni, ikun hemm ħidma biex tinstab soluzzjoni teknika li tiżgura l-komunikazzjoni neċessarja biex jiġi garantit livell xieraq ta' sikurezza fl-ajru fir-reġjun tax-Xlokk tal-Mediterran.

— Ikun hemm involviment fi proċess li jwassal għar-rikonoxximent ta' "denominazzjoni Komunitarja" u tiġi pprovduta strateġija ċara għall-allinjament progressiv ma' l-*acquis* dwar is-Sema Uniku Ewropew.

— Allinjament ma' u implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet u l-ispeċifiċitajiet rilevanti tad-dikjarazzjoni ta' politika tal-Konferenza Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivili fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

*Kapitolu 15: Enerġija*

— Jitkomplew l-allinjament ma' u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* dwar is-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku u dwar skambji transkonfini fl-elettriku, anki bl-għan ta' sħubija possibbli fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità ta' l-Enerġija. Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' regoli ġusti u mhux diskriminatorji għat-trasmissjoni tal-gass.

— Jitkompla l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji differenti u tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom.

— Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u jitkompla l-allinjament fil-qasam ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, tiġi promossa l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u tiġi żviluppata l-enerġija rinnovabbli fit-trasport, l-elettriku u t-tisħin/tkessiħ, inkluż l-istabbiliment ta' miri u inċentivi adegwati u ambizzjużi.

— Taderixxi mal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sikurezza fil-Ġestjoni ta' Fjuwil Użat u fil-Ġestjoni Sikura ta' Skart Radjuattiv.

*Kapitolu 16: Tassazzjoni*

— Jittieħdu passi prattiċi li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fit-tassazzjoni diskriminatorja ta' prodotti alkoħoliċi, it-tabakk importat u s-sigaretti impurtati u jiġi ppreżentat pjan b'għanijiet ċari u miftiehma mal-Kummissjoni, għall-eliminazzjoni rapida ta' kull tassazzjoni diskriminatorja residwa.

— Jitkompla l-allinjament tal-VAT u tad-dazji tas-sisa, b'mod partikolari rigward l-istruttura u r-rati applikati.

— Jitkomplew it-tisħiħ u l-immodernizzar ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa, inkluż is-settur ta' l-informatika, sabiex tiżdied il-konformità u jitjieb il-ġbir tad-dħul mit-taxxi u sabiex titnaqqas l-ekonomija informali

*Kapitolu 18: Statistika*

— Jiġu kkomunikati fil-ħin l-indikaturi ewlenin tal-kontijiet nazzjonali f'konformità ma' l-ESA 95.

— Jiġu allinjati l-metodoloġija u l-istruttura organizzattiva għall-ġbir ta' l-informazzjoni biex jiġu pprovduti statistiċi dwar l-agrikoltura skond ir-rekwiżiti ta' l-UE.

— Jiġi ffinalizzat l-istabbiliment tar-reġistru tan-negozju.

*Kapitolu 19: Politika soċjali u impjiegi*

— Jiġu stabbiliti kondizzjonijiet favorevoli għal djalogu soċjali effettiv fil-livelli kollha, fost l-oħrajn, bl-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida li tneħħi d-dispożizzjonijiet restrittivi fuq l-attivitajiet tas-sindakati u li tiżgura r-rispett tad-drittijiet tas-sindakati.

— Tiġi pprovduta analiżi tax-xogħol mhux dikjarat fit-Turkija u jitfassal pjan biex din il-problema tiġi ttrattata fil-kuntest ta' pjan ta' azzjoni globali għall-infurzar ta' l-*acquis* għall-benefiċċju tal-ħaddiema kollha.

— Tiġi ffinalizzata l-ħidma fuq il-Memorandum Konġunt dwar l-Inklużjoni u d-Dokument Konġunt ta' Evalwazzjoni dwar il-Prijoritajiet għall-Politika dwar l-Impjieg u jiġu implimentati b'mod attiv iż-żewġ proċessi ta' segwitu.

*Kapitolu 20: Politika Industrijali u dwar l-Impriżi*

— Tiġi adottata strateġija komprensiva riveduta dwar il-politika industrijali.

*Kapitolu 22: Politika reġjonali u koordinazzjoni ta' l-istrumenti strutturali*

— Jiġi rinfurzat l-istabbiliment ta' strutturi istituzzjonali u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fl-oqsma ta' programmazzjoni, tħejjija tal-proġetti, monitoraġġ, evalwazzjoni u ġestjoni u kontroll finanzjarju, b'mod partikolari fil-livell tal-ministeri kompetenti, biex jiġu implimentati l-programmi ta' qabel l-adeżjoni ta' l-UE bħala tħejjija għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Komunità.

*Kapitolu 23: Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali*

— Jissaħħu l-isforzi sabiex il-leġislazzjoni tagħha tiġi allinjata ma' l-*acquis* dwar il-protezzjoni tad-data personali u tiġi stabbilita awtorità ta' superviżjoni indipendenti għall-protezzjoni tad-data.

— Għall-prijoritajiet l-oħrajn ara t-taqsima dwar il-kriterji politiċi.

*Kapitolu 24: Ġustizzja, libertà u sigurtà*

— Jitkompla t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet kollha ta' l-infurzar tal-liġi u jiġi allinjat l-istatus u l-funzjonament tagħhom ma' l-istandards Ewropej, inkluż permezz ta' l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Jiġi adottat kodiċi ta' l-etika u tiġi stabbilita sistema indipendenti u effettiva għall-ilmenti sabiex tiġi żgurata responsabbiltà akbar li tkopri l-korpi kollha ta' l-infurzar tal-liġi.

— Jitkomplew l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (anki permezz ta' l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni), tiżdied il-kapaċità fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali skond l-istandards internazzjonali.

— Jiġi konkluż b'mod urġenti ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid ma' l-UE.

— Isir progress fit-tħejjijiet għall-adozzjoni ta' liġi komprensiva dwar l-ażil skond l-*acquis*, inkluż l-istabbiliment ta' awtorità dwar l-ażil.

— Jitkomplew l-isforzi biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri inkluż permezz tad-definizzjoni ta' pjan ta' azzjoni preċiż. Għandhom jittieħdu passi biex tiġi stabbilita l-awtorità l-ġdida għall-infurzar tal-liġi dwar il-fruntieri.

— Tiġi implimentata l-istrateġija nazzjonali dwar il-kriminalità organizzata. Tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-droga, it-traffikar tal-persuni, il-frodi, il-korruzzjoni u l-money laundering.

*Kapitolu 26: Edukazzjoni u Kultura*

— Tittejjeb il-kapaċità amministrattiva ta' l-Aġenżija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja u għaż-Żgħażagħ fl-Azzjoni sabiex tkun tista' tittratta ż-żieda fil-volum tax-xogħol.

*Kapitolu 27: Ambjent*

— Tiġi adottata strateġija komprensiva għat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar gradwali ta' l-*acquis*, inklużi pjanijiet sabiex tinbena l-kapaċità amministrattiva neċessarja fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa, b'indikazzjoni ta' l-għanijiet u l-iskedi taż-żmien.

— Jitkomplew t-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' l-*acquis*, b'mod partikolari l-leġislazzjoni orizzonali u l-leġislazzjoni qafas, bħall-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali, inklużi l-aspetti transkonfini, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

— Jiġi adottat il-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' l-Iskart.

*Kapitolu 28: Protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa*

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* dwar il-konsumatur u dwar is-saħħa, inkluż fl-oqsma tad-demm, it-tessuti, iċ-ċelloli u t-tabakk, u jiġi żgurat l-eżistenza ta' strutturi amministrattivi u kapaċità ta' l-infurzar adegwati.

— Tissaħħaħ il-kapaċità tal-qrati, anki permezz ta' taħriġ, tiġi żgurata l-konsistenza fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-konsumatur.

*Kapitolu 29: Unjoni Doganali*

— Tiġi allinjata l-leġislazzjoni dwar iż-żoni liberi ma' l-*acquis* rilevanti, b'mod partikolari fil-każ tar-regoli dwar il-kontrolli doganali u l-verifika tat-taxxa.

— Tissaħħaħ il-kapaċità ta' infurzar ta' l-amministrazzjoni doganali, b'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali u l-falsifikazzjoni. Jitkomplew it-tħejjijiet għall-interkonnettività tas-sistemi ta' l-informatika ma' l-UE.

— Tiġi eliminata l-eżenzjoni mid-dazji doganali għall-merkanzija koperta mill-Unjoni Doganali li tinbiegħ fil-ħwienet mingħajr dazju lill-vjaġġaturi li jidħlu fit-Turkija.

*Kapitolu 30: Relazzjonijiet esterni*

— Isir allinjament mal-pożizzjoni ta' l-UE fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, rigward l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha u fl-OECD.

— Jitkompla l-allinjament mas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (SPĠ) tal-Komunità Ewropea.

— Jitkomplew l-isforzi biex jiġu konklużi ftehim ta' kummerċ liberu pendenti ma' pajjiżi terzi konformement ma' l-*acquis*.

*Kapitolu 31: Politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża*

— Jitkompla l-allinjament ma' pożizzjonijiet komuni, dikjarazzjonijiet, stqarrijiet u démarches ta' l-UE dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK).

— Isir allinjament tal-linji ta' politika rigward pajjiżi terzi u l-pożizzjonijiet fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali ma' dawk ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż rigward is-sħubija ta' l-Istati Membri kollha ta' l-UE f'organizzazzjonijiet u arranġamenti rilevanti bħal Wassenaar.

*Kapitolu 32: Kontroll finanzjarju*

— Jiġu adottati Dokument ta' Politika aġġornat dwar il-Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku (PIFC) u l-leġislazzjoni dwar il-PIFC derivata.

— Tiġi adottata l-leġislazzjoni pendenti biex jiġi garantit il-funzjonament tal-Qorti tal-Kontijiet Torka skond l-istandards u l-linji gwida ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika (INTOSAI).

— Tiġi stabbilita struttura ta' koordinazzjoni kontra l-frodi, li tkun indipendenti mill-aspett operattiv, għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE.

3.2. Prijoritajiet għall-Perijodu Medju

**Kriterji Ekonomiċi**

— Jitlesta l-programm ta' privatizzazzjoni.

— Tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

— Jitkompla t-titjib tal-livell ġenerali ta' l-edukazzjoni u s-saħħa, b'attenzjoni partikolari għall-ġenerazzjoni żagħżugħa u n-nisa.

— Tittejjeb l-infrastruttura tal-pajjiż, b'mod partikolari fl-enerġija u t-trasport, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-ekonomija globalment.

**Kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija**

*Kapitolu 2: Moviment liberu tal-ħaddiema*

— Jiġi żgurat li s-Servizzi Pubbliċi ta' l-Impjiegi jkollhom il-kapaċità adegwata biex jiggarantixxu l-parteċipazzjoni fin-netwerk EURES (Servizzi Ewropej ta' l-Impjiegi)

— Jitkompla t-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi, b'mod partikolari għall-koordinazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali.

*Kapitolu 3: Dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi*

— Ikomplu jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi trans-konfini.

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* għas-servizzi postali.

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* għar-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali u, b'mod partikolari, issir ħidma biex jitħassru r-rekwiżiti ta' nazzjonalità.

*Kapitolu 5: Akkwist pubbliku*

— Tiġi implimentata l-istrateġija dwar l-akkwist pubbliku.

— Jiġi promoss l-użu ta' mezzi elettroniċi fil-proċeduri ta' l-akkwist.

*Kapitolu 6: Liġi dwar il-kumpaniji*

— Jiġi adottat qafas ta' rappurtar finanzjarju b'għan ġenerali fil-qasam tal-kontabbiltà u l-verifika tal-kumpaniji skond l-istandards ta' l-UE.

— Jissaħħu r-rekwiżiti dwar l-iżvelar. B'mod partikolari, jiġi adottat rekwiżit ġenerali li jobbliga lill-kumpaniji jikklassifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' entitajiet legali li għaddew minn verifika u l-istati finanzjarji konsolidati sabiex dawn isiru disponibbli għall-pubbliku.

*Kapitolu 7: Liġi dwar il-proprjetà intellettwali*

— Jitkompla l-allinjament u jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

*Kapitolu 8: Politika dwar il-kompetizzjoni*

— Tiġi allinjata l-leġislazzjoni sekondarja fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat.

— Tiġi żgurata t-trasparenza fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat skond l-impenji bilaterali eżistenti. Tingħata informazzjoni lill-Komunità dwar l-iskemi kollha ta' għajnuna fis-seħħ u ssir notifika minn qabel ta' kull għajnuna individwali li tkun ser tingħata.

*Kapitolu 10: Soċjetà ta' l-informazzjoni u l-medja*

— Titkompla t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u ssir it-tħejjija għal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-swieq.

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* fis-settur awdjoviżiv u tissaħħaħ l-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva ta' l-awtorità regolatorja.

*Kapitolu 11: Agrikoltura u żvilupp rurali*

— Jitkompla l-iżvilupp ta' sistema ta' identifikazzjoni ta' l-artijiet u s-Sistema Nazzjonali ta' Reġistrazzjoni tal-Bdiewa biex jitħejjew il-kontrolli fuq l-art agrikola.

— Tinbeda t-tħejjija għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet pilota relatati ma' l-ambjent u l-kampanja, bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni futura ta' miżuri agro-ambjentali.

*Kapitolu 12: Sigurtà ta' l-ikel, politika veterinarja u fitosanitarja*

— Jiġu adottati miżuri ta' kontroll għall-mard ta' l-annimali u jiġu stabbiliti pjanijiet ta' eradikazzjoni fejn dan ikun iġġustifikat mis-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali.

— Jittejbu l-kapaċitajiet tal-laboratorju u ta' kontroll fis-sigurtà ta' l-ikel, fil-qasam veterinarju u fitosanitarju, b'mod partikolari rigward il-laboratorji ta' referenza, l-ittestjar tar-residwi (inklużi pjanijiet ta' kontroll) u l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni.

— Tiġi allinjata l-leġislazzjoni dwar l-Enċefalopatiji Sponġiformi Trasmissibbli (TSE) u dwar il-prodotti sekondarji ta' l-annimali u tinbeda s-sistema ta' ġbir u trattament neċessarja.

*Kapitolu 13: Sajd*

— Tiġi stabbilita sistema affidabbli ta' valutazzjoni tal-ħażniet biex tiġi pprovduta informazzjoni preċiża dwar ir-riżorsi marini.

— Jiġi adattat ir-reġistru eżistenti tal-flotot għar-rekwiżiti ta' l-UE.

*Kapitolu 14: Politika dwar it-trasport*

— Jitkompla l-allinjament leġislattiv u amministrattiv ma' l-*acquis* dwar it-trasport b'mod partikolari rigward it-trasport bit-triq u s-sigurtà fl-ajru.

— Tissaħħaħ il-kapaċità biex jiġi implimentat l-*acquis* ta' l-UE, inklużi miżuri ta' kontroll, skond l-istandards ta' l-UE.

*Kapitolu 15: Enerġija*

— Jiġi żgurat l-istabbiliment ta' suq intern ta' l-enerġija kompetittiv, f'konformità mad-direttivi dwar l-elettriku u l-gass. Jitkompla t-tisħiħ ta' l-istrutturi amministrattivi u regolatorji meħtieġa għal suq ta' l-enerġija funzjonali u kompetittiv.

— Tiġi adottata liġi nukleari li tiżgura livell għoli ta' sigurtà nukleari skond l-istandards ta' l-UE.

*Kapitolu 16: Tassazzjoni*

— Jitkompla l-allinjament tad-dazji tas-sisa u tal-VAT, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis, l-eżenzjonijiet, l-iskemi speċjali, ir-rifużjonijiet tat-taxxa u l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa.

*Kapitolu 18: Statistika*

— Jissaħħaħ ir-rwol ta' koordinazzjoni u tittejjeb il-kapaċità amministrattiva ta' Turkstat sabiex il-ġbir, l-ipproċessar u d-disseminazzjoni tad-data jsiru fil-ħin.

*Kapitolu 19: Politika soċjali u impjiegi*

— Titkompla t-traspożizzjoni ta' l-*acquis* u jissaħħu l-istrutturi amministrattivi u ta' infurzar relatati, inklużi l-ispettorati tax-xogħol, flimkien ma' l-imsieħba soċjali.

— Tittejjeb il-kapaċità biex jiġu evalwati u mmonitorjati s-suq tax-xogħol u l-iżviluppi soċjali u biex jiġu indirizzati il-problemi strutturali.

*Kapitolu 21: Netwerks trans-Ewropej*

— Tingħata prijorità lill-proġetti identifikati skond il-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet għall-Infrastruttura tat-Trasport (TINA) u lill-proġetti ta' interess komuni elenkati fil-Linji Gwida tal-Komunità Ewropea dwar TEN-Enerġija.

*Kapitolu 22: Politika reġjonali u koordinazzjoni ta' l-istrumenti ta' politika strutturali*

— Tiġi żviluppata, fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-politika eventwali futura ta' koeżjoni tal-Komunità.

*Kapitolu 24: Ġustizzja, libertà u sigurtà*

— Jiġu mħaffa l-isforzi biex tiġi stabbilita sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri skond l-*acquis*, ibbażata fuq il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji u l-professjonaliżmu tal-persunal u li tkopri, fost l-oħrajn, mekkaniżmu pre-screening biex jiġu identifikati dawn il-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali fil-fruntieri.

— Jitkompla l-allinjament ma' l-*acquis* fil-qasam ta' l-ażil, b'mod partikolari, billi titneħħa l-limitazzjoni ġeografika għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra u permezz tat-tisħiħ tal-protezzjoni, l-appoġġ soċjali u miżuri ta' integrazzjoni għar-refuġjati.

— Tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-leġislazzjoni Torka ma' l-*acquis* fi kwistjonijiet ċivili u tissaħħaħ il-kapaċità tal-ġudikatura biex tapplika l-*acquis*.

*Kapitolu 27: Ambjent*

— Titkompla t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* relatat mal-leġislazzjoni qafas, il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ambjent u l-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tan-natura, il-kwalità ta' l-ilma, il-prodotti kimiċi, it-tniġġis industrijali u l-ġestjoni tar-riskju u l-ġestjoni ta' l-iskart.

— Ikun hemm integrazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali f'linji ta' politika settorjali oħra.

*Kapitolu 28: Protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa*

— Jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni permezz ta' l-infurzar effettiv tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-involviment ta' l-organizzazzjonijiet rilevanti tal-konsumatur.

— Fil-qasam tas-saħħa mentali, jiġu żviluppati servizzi bbażati fil-komunità bħala alternattiva għall-istituzzjonalizzazzjoni u tiġi żgurata l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-kura tas-saħħa mentali.

*Kapitolu 29: Unjoni Doganali*

— Jitlesta l-allinjament tal-leġislazzjoni doganali dwar l-oġġetti u t-teknoloġiji b'użu doppju, il-prekursuri u l-markanzija ffalsifikata jew ikkupjata.

*Kapitolu 32: Kontroll finanzjarju*

— Jiġi allinjat il-Kodiċi Kriminali Tork mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE (PIF) u l-protokolli tagħha.

## 4. PROGRAMMAZZJONI

L-assistenza finanzjarja għall-prijoritajiet identifikati fis-Sħubija għall-Adeżjoni se jkunu disponibbli permezz ta' żewġ strumenti finanzjarji: il-programmi adottati qabel u fl-2006 ser ikunu implimentati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jikkonċerna għajnuna finanzjarja ta' qabel is-sħubija għat-Turkija ([1]). Il-programmi u l-proġetti adottati mill-2007 'l quddiem ser ikunu implimentati skond ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006. Skond iż-żewġ strumenti, il-Kummissjoni adottat/ser tadotta rispettivament deċiżjonijiet ta' finanzjament li ser ikunu segwiti minn ftehim ta' finanzjament iffirmati mill-Kummissjoni u mit-Turkija. Il-ftehim ta' finanzjament iservu ta' bażi legali għall-implimentazzjoni tal-programmi konkreti.

It-Turkija għandha wkoll aċċess għal finanzjamenti minn programmi multinazzjonali u orizzontali.

([1]) ĠU L 342, 27.12.2001, p. 1. Regolament imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

5. **KONDIZZJONIJIET**

L-assistenza Komunitarja għal proġetti ta' finanzjament permezz ta' l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni għandha bħala kondizzjoni r-rispett mit-Turkija ta' l-impenji tagħha skond il-Ftehim KE-Turkija, inklużi d-Deċiżjoni 1/95 dwar l-Unjoni Doganali u deċiżjonijiet oħra, aktar passi konkreti biex jiġu sodisfatti b'mod effettiv il-kriterji ta' Kopenhagen u, b'mod partikolari, il-progress dwar il-prijoritajiet speċifiċi ta' din is-Sħubija għall-Adeżjoni riveduta.

Jekk ma jiġux rispettati dawn il-kondizzjonijiet ġenerali, il-Kunsill jista' jieħu d-deċiżjoni li jissospendi l-għajnuna finanzjarja abbażi tar-Regolament (KE) Nru 2500/2001 jew abbażi ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 (IPA). Kondizzjonijiet speċifiċi jinsabu inklużi wkoll fi programmi annwali individwali. Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament ser jiġu segwiti minn ftehim ta' finanzjament iffirmat mat-Turkija.

6. **MONITORAĠĠ**

L-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Adeżjoni għandha tiġi eżaminata bl-użu tal-mekkaniżmi stabbiliti bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif ikun xieraq u permezz tar-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni.

Is-sottokumitati stabbiliti bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedu l-possibbiltà li tiġi riveduta l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tas-Sħubija għall-Adeżjoni u l-progress rigward l-approssimazzjoni legali, l-implimentazzjoni u l-infurzar. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiddiskuti l-iżviluppi ġenerali, il-progress u l-problemi fl-ilħuq tal-prijoritajiet tas-Sħubija għall-Adeżjoni kif ukoll kwistjonijiet aktar speċifiċi li jirriferulu s-sottokumitati.

Il-monitoraġġ tal-programmi ta' assistenza finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni għandu jitwettaq b'mod konġunt mit-Turkija u mill-Kummissjoni permezz ta' kumitat konġunt ta' monitoraġġ (JMC) jew Kumitat ta' monitoraġġ IPA. Sabiex jiġi żgurat li l-monitoraġġ ikun effettiv, il-proġetti ffinanzjati taħt kull ftehim ta' finanzjament għandhom jinkorporaw indikaturi verifikabbli u li jistgħu jitkejlu tal-kisbiet. Il-monitoraġġ ibbażat fuq dawn l-indikaturi ser jassisti lill-Kummissjoni, lill-Kumitat ta' Monitoraġġ JMC/IPA u lit-Turkija biex sussegwentement jorjentaw mill-ġdid il-programmi fejn neċessarju u sabiex ifasslu programmi ġodda. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ JMC/IPA jiżgura li l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programmi ta' qabel l-adeżjoni jkunu kompatibbli mas-Sħubija għall-Adeżjoni.

Is-Sħubija għall-Adeżjoni ser tkompli tiġi aġġustata kif meħtieġ skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 390/2001 [1].

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2001, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Frar 2008

## li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2002/148/KE li jikkonkludi l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE

(2008/158/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, li jiltaqgħu fil-Kunsill, dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom ikunu segwiti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ([3]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/148/KE ([4]), il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe skond l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ngħalqu u ttieħdu miżuri xierqa, kif speċifikat fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni.

(2) Bid-Deċiżjoni 2006/114/KE l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE, li kienet estiża sa l-20 ta' Frar 2004 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/112/KE ([5]), sa l-20 ta' Frar 2005 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2004/157/KE ([6]), sa l-20 ta' Frar 2006 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2005/139/KE ([7]) u sa l-20 ta' Frar 2007 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/114/KE ([8]), kienu estiżi għall-perjodu ieħor ta' tnax-il xahar sa l-20 ta' Frar 2008.

(3) L-elementi essenzjali kkwotati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE komplew ikunu miksura mill-Gvern taż-Żimbabwe, u l-kundizzjonijiet attwali fiż-Żimbabwe ma jiżgurawx rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt.

(4) Il-perjodu ta' l-applikazzjoni tal-miżuri għandu għalhekk ikun estiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tal-miżuri li saret referenza għalihom fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE għandha tiġi estiża sa l-20 ta' Frar 2009. Il-miżuri għandhom jinżammu taħt reviżjoni kontinwa.

L-ittra li tidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun indirizzata lill-President taż-Żimbabwe.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

---

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat permezz tad-Deċiżjoni Nru 4/2007 (ĠU L 25, 30.1.2008, p. 11).

([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 26.

([3]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376. Il-Ftehim Intern kif emendat l-aħħar mill-Ftehim Intern ta' l-10 ta' April 2006 (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 48).

([4]) ĠU L 50, 21.2.2002, p. 64. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/127/KE (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 23).

([5]) ĠU L 46, 20.2.2003, p. 25.

([6]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 60.

([7]) ĠU L 48, 19.2.2005, p. 28.

([8]) ĠU L 48, 18.2.2006, p. 26.

*ANNESS*

**ITTRA LILL-PRESIDENT TAŻ-ŻIMBABWE**

Brussell,

L-Unjoni Ewropea taghti importanza kbira lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE. Bħala elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Shubija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt jiffurmaw il-bażi tar-relazzjonijiet tagħna.

Bl-ittra tad-19 ta' Frar 2002, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-deċiżjoni tagħha li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet li saru skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE u biex tieħu ċerti "miżuri xierqa" fit-tifsira ta' l-Artikolu 96(2)(c) ta' dak il-Ftehim.

Bl-ittri tad-19 ta' Frar 2003, id-19 ta' Frar 2004, it-18 ta' Frar 2005, il-15 ta' Frar 2006 u l-21 ta' Frar 2007, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-deċiżjonijiet tagħha li ma kenitx ser tirrevoka l-"miżuri xierqa" u li kienet ser testendi l-perjodu ta' l-applikazzjoni sa l-20 ta' Frar 2004, l-20 ta' Frar 2005, l-20 ta' Frar 2006, l-20 ta' Frar 2007 u l-20 ta' Frar 2008 rispettivament.

Tnax-il xahar wara, l-Unjoni Ewropea tqis li ma sar l-ebda progress sinifikanti fil-hames oqsma msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002.

Fid-dawl ta' dak li ssemma' hawn fuq, l-Unjoni Ewropea ma tqisx li tista' tikkunsidra li tirrevoka l-miżuri xierqa u ddeċidiet li testendi l-perjodu ta' l-applikazzjoni tagħhom sal-20 ta' Frar 2009. Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea ser tibqa' tiġi eżaminata u rriveduta anke fuq il-bażi ta' valutazzjoni fil-fond tas-sitwazzjoni wara t-tkomplija ta' l-inizjattiva ta' l-SADC marbuta maż-Żimbabwe u l-elezzjonijiet li ġejjin.

L-Unjoni Ewropea tixtieq terġa' tenfasizza li mhix qiegħda tippenalizza n-nies taż-Żimbabwe u li ser tkompli bil-kontribuzzjoni tagħha għall-operazzjonijiet ta' natura umanitarja u għall-proġetti f'appoġġ dirett favur il-popolazzjoni, partikolarment għal dawk il-proġetti fis-setturi soċjali, id-demokratizzazzjoni, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li mhumiex affettwati b'dawn il-miżuri.

L-Unjoni Ewropea tixtieq tisħaq li l-applikazzjoni tal-miżuri xierqa kif imfissra fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE ma' toħloq ebda xkiel għad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 8 ta' dan il-ftehim.

B'dan il-ħsieb, l-Unjoni Ewropea tixtieq għal darba oħra tenfasizza l-importanza li hi torbot ma' kooperazzjoni fil-futur bejn il-KE u ż-Zimbabwe u tixtieq tikkonferma r-rieda tagħha li tkompli tuża l-opportunità pprovduta mill-għaxar eżerċizzju ta' programmar kontinwu ta' l-EDF biex tkompli bid-djalogu u li fil-futur qrib tirreġistra progress lejn sitwazzjoni fejn terġa' ssir possibbli kooperazzjoni sħiha.

Għoddni tiegħek,

*Għall-Kummissjoni* *Għall-Kunsill*

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-22 ta' Frar 2008**

**li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/683/KE li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni ta' l-Ungerija**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 675)*

**(It-test Ungeriż biss huwa awtentiku)**

(2008/159/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Billi,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/683/KE ([2]) ġiet adottata bħala waħda minn għadd ta' miżuri biex jiġi miġġieled id-deni klassiku tal-ħnieżer.

(2) Is-Slovakkja għarrfet lill-Kummissjoni bl-iżvilupp reċenti ta' din il-marda fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni li jinsabu mal-fruntieri ta' l-Ungerija.

(3) L-Ungerija għarrfet lill-Kummissjoni li fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, il-miżuri ddefiniti fil-pjan ta' eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ jeħtiġilhom li jiġu estiżi għal ċerti żoni tal-Kontea ta' Pest fl-Ungerija.

(4) Id-Deċiżjoni 2007/683/KE għalhekk għandha tkun emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/683/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Ungerija.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

([2]) ĠU L 281, 25.10.2007, p. 27.

*ANNESS*

*"L-ANNESS*

**Żoni fejn il-pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħanżir salvaġġ għandu jiġi implimentat:**

It-territorju tal-kontea ta' Nógrád u t-territorju tal-kontea ta' Pest li tinsab fit-tramuntana u fil-lvant tad-Danubju, fin-nofsinhar tal-fruntiera mas-Slovakkja, fil-punent tal-fruntiera mal-kontea ta' Nógrád u fit-tramuntana ta' l-awtostrada E 71."

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/160/PESK

**tal-25 ta' Frar 2008**

**li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika ta' Moldova**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Frar 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/139/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika ta' Moldova [1]. Dawk il-miżuri (restrizzjonijiet fuq id-dħul) ġew imġedda mill-Kunsill bil-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK [2] tat-23 ta' Frar 2004. Huma jiskadu fis-27 ta' Frar 2008.

(2) Fis-26 ta' Awwissu 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/622/PESK [3] li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK li biha ġew estiżi r-restrizzjonijiet fuq id-dħul fuq persuni li huma responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja ta' intimidazzjoni u għeluq kontra l-iskejjel Moldavi li jħaddnu l-alfabet Ruman fir-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova.

(3) Minkejja li n-negozjati dwar il-bidliet kostituzzjonali diġà bdew, ma kien hemm l-ebda progress sostanzjali fis-sitwazzjoni dwar il-kunflitt Transnistrijan fir-Repubblika tal-Moldova.

(4) L-UE tibqa' impenjata li tikkontribwixxi għall-objettiv li tinkiseb soluzzjoni paċifika għall-kunflitt, b'rispett sħiħ għall-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova u fil-qafas ta' l-Organizazzoni għas-Sigurtà u Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

(5) L-UE tikkonsidra inaċċettabbli l-pożizzjoni kontinwa tat-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova u n-nuqqas ta' rieda li taħdem bis-sħiħ fi sforzi biex tintlaħaq soluzzjoni paċifika u komprensiva għall-kunflitt Transnistrijan.

(6) Abbażi ta' eżami mill-ġdid tal-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu mġedda għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar. Il-Kunsill jikkunsidra li huwa xieraq li jitħassru sitt persuni mil-lista fl-Annessi I u li jiżdiedu sitt persuni oħra fil-listi fl-Annessi I u II.

(7) Fl-interess taċ-ċarezza, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu kkonsolidati f'att legali wieħed,

ADOTTAT DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-transitu fit-territorji tagħhom tal-persuni li huma responsabbli:

(i) għall-prevenzjoni tal-progress lejn il-wasla għal soluzzjoni politika tal-konflitt Transnistrijan fir-Repubblika tal-Moldova, kif elenkat fl-Anness I;

(ii) għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja ta' intimidazzjoni u għeluq kontra l-iskejjel Moldavi li jħaddnu l-alfabet Ruman fir-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika Moldava, kif elenkati fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 mhux ser jobbliga Stat Membru li jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

[1] ĠU L 53, 28.2.2003, p. 60.
[2] ĠU L 55, 24.2.2004, p. 68. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2007/121/PESK (ĠU L 51, 20.2.2007, p. 31).
[3] ĠU L 279, 28.8.2004, p. 47.

3. Il-Paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kazijiet fejn Stat Membru huwa marbut b'obbligazzjoni ta' liġi internazzjonali, jiġifieri:

(i) bħala pajjiż ospitanti għal organizzjoni internazzjonali intergovernattiva;

(ii) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali mlaqqgħa minn, jew taħt l-awspiċju tan-Nazzjonijiet Uniti; jew

(iii) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(iv) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni ta' l-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru huwa pajjiż ospitanti ta' l-OSKE.

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skond il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar huwa ġġustifikat fuq raġunijiet ta' ħtieġa urġenti umanitarja, jew fuq raġunijiet ta' attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali ta' l-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fir-Repubblika tal-Moldova.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika bil-miktub lill-Kunsill. L-eżenzjoni ser tiġi kkunsidrata bħala mogħtija sakemm wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kunsill ma jqajjimx oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika ta' l-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iżjed mill-membri tal-Kunsill iqajjem oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn skond il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew it-transitu, fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati fl-Anness I u II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u lill-persuni kkonċernati biha.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, għandu jadotta modifiki għal-listi li jinsabu fl-Anness I u l-Anness II kif meħtieġ minn żviluppi politiċi fir-Repubblika tal-Moldova.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Frar ta' l-2008 u tapplika sas-27 ta' Frar ta' l-2009. Din għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VIZJAK

*ANNESS I*

**Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(i)**

1. SMIRNOV, Igor Nikolayevich, "President", imwieled fit-23 ta' Ottubru 1941 f'Khabarovsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru 50No0337530.
2. SMIRNOV, Vladimir Igorevich, iben in-Nru 1 u "President tal-Kumitat Doganali ta' l-Istat", imwieled fit-3 ta' April 1961 f'Kupiansk, Kharkovskaya oblast jew Novava Kakhovka, Khersonskaya oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru 50No00337016.
3. SMIRNOV, Oleg Igorevich, iben in-Nru 1 u "Konsulent tal-Kumitat Doganali Statali", "Membru tas-Sovjet Suprem", imwieled fit-8 ta' Awwissu 1967 f'Novaya Kakhovka, Khersonskaya oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru 60No190737.
4. MARAKUTSA, Grigory Stepanovich, "Membru tas-Sovjet Suprem", "Rappreżentant Speċjali tas-Sovjet Suprem għar-Relazzjonijiet Interparlamentari" imwieled fil-15 ta' Ottubru 1942 f'Teya, Grigoriopolsky rayon, Repubblika tal-Moldova, passaport Sovjetiku qadim Nru 8BM724835.
5. LITSKAI, Valery Anatolyevich, "Ministru għall-Affarijiet Barranin", imwieled fit-13 ta' Frar 1949 fi Tver, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru 51No0076099, maħruġ fid-9 ta' Awwissu 2000.
6. KHAZHEYEV, Stanislav Galimovich, "Ministru tad-Difiża", imwieled fit-28 ta' Diċembru 1941 f'Chelyabinsk, il-Federazzjoni Russa.
7. ANTYUFEYEV, Vladimir Yuryevich, magħruf ukoll bħala SHEVTSOV, Vadim, "Ministru għas-Sigurtà ta' l-Istat", imwieled fl-1951 f'Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu.
8. KOROLYOV, Alexandr Ivanovich, "Viċi-President", imwieled fl-24 ta Ottubru 1958 f'Wroclaw, il-Polonja, passaport Russu.
9. BALALA, Viktor Alekseyevich, dak li qabel kien "Ministru tal-Ġustizzja", imwieled fl-1961 f'Vinnitsa, l-Ukraina.
10. ZAKHAROV, Viktor Pavlovich, "Prosekutur tat-Transnistrja", imwieled fl-1948 f'Kamenka, Repubblika tal-Moldova.
11. GUDYMO, Oleg Andreyevich, "Membru tas-Sovjet Suprem", "President tal-Kumitat dwar is-Sigurtà, id-Difiża u ż-Żamma tal-Paċi tas-Sovjet Suprem", dak li qabel kien "Viċi-Ministru għas-Sigurtà", imwieled fil-11 ta' Settembru 1944 f'Alma-Ata, il-Kazakistan, passaport Russu Nru 51No0592094.
12. KRASNOSELSKY, Vadim Nikolayevich, "Ministru ta' l-Affarijiet Interni", imwieled fl-14 ta' April 1970, f'Dauriya, Zabaykalskyi rayon, Chitinskaya oblast, il-Federazzjoni Russa.
13. ATAMANIUK, Vladimir, "Deputat Ministru tad-Difiża"

*ANNESS II*

**Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)(ii)**

1. URSKAYA, Galina Vasilyevna, "Ministru tal-Ġustizzja", imwieled fl-10 ta' Diċembru 1957 fil-villaġġ ta' Pyatiletka, Brianskyi rayon, Brianskaya oblast, il-Federazzjoni Russa.
2. MAZUR, Igor Leonidovich, "Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat f'Dubossary Rayon", imwieled fid-29 ta' Jannar 1967 f'Dubossary, ir-Repubblika tal-Moldova.
3. PLATONOV, Yuri Mikhailovich, magħruf bħala Yury PLATONOV, "Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat fi Rybnitsa Rayon u Rybnitsa City" imwieled fis-16 ta' Jannar 1948 fi Klimkovo, Poddorsky rayon, Novgorodskaya oblast, passaport Russu Nru 51 Nru 0527002, maħruġ milll-Ambaxxata Russa f' Chisinau fl-4 ta' Mejju 2001.
4. CHERBULENKO, Alla Viktorovna, "Deputat Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat ta' Rybnitsa", responsabbli għal kwistjonijiet ta' edukazzjoni.
5. KOGUT, Vecheslav Vasyilevich, "Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat f'Bender", imwieled fis-16 ta' Frar 1950 f'Taraclia, Chadir-Lunga rayon, Repubblika tal-Moldova.
6. KOSTIRKO, Viktor Ivanovich, "Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat f'Tiraspol", imwieled fl-24 ta' Mejju 1948, Komsomolsk na Amure, Habarovsky kray, il-Federazzjoni Russa.

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 124, tal-11 ta' Mejju 2006)*

(Ħarġa Speċjali bil-Malti L 294 M, 25.10.2006, p. 40)

F'paġna 46, Anness, nota f'qiegħ il-paġna (2), Kodiċi NM 2008 79 19 fit-tielet kolonna:

*minflok:* "2008 79 19: EUR 25,6 + 4,2/100 kg/net",

*aqra:* "2008 70 19: EUR 25,6 + 4,2/100 kg/net".

---

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 838/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tarriffa Doganali Komuni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 154, tat-8 ta' Ġunju 2006)*

(Ħarġa Speċjali bil-Malti L 294 M, 25.10.2006, p. 186)

F'paġna 189, Anness:

— punt (b), l-aħħar entrata "Numru tat-tariffa tal-prodott (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna (1))", kolonna "Termini u kondizzjonijiet oħra":

*minflok:* "Iftaħ kwota ta' rata ta' tariffa ta' 2 838 tunnellata (*erga omnes*), bir-rata in-kwota ta' 20 %. Għandhom japplikaw ir-rati barra mill-kwota tal-KE.",

*aqra:* "Implimentata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006."

— nota f' qiegħ il-paġna (1), Kodiċi NM 2008 79 19 fit-tielet kolonna:

*minflok:* "2008 79 19: EUR 25,6 + 4,2 100 kg/net",

*aqra:* "2008 70 19: EUR 25,6 + 4,2 100 kg/net".